**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 287/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Andrea Cristina**

Illum, 06 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Andrea Cristina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 361689(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bejn it-12 t'Ottubru 2020 u il-21 ta' Ottubru 2020, ġewwa 14, Triq Ħal Mula, Ħaz-Zebbuġ, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel ħsara jew għarraq xi ħaġa għad-dannu ta' Maria Karlsson.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien tlett xhur skond l-artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. *In oltre,* ai termini tal-artikolu 24 tal-

imsemmi Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-ħati sabiex iħallas lill-parte ċivile Maria Karlsson is-somma ta' €1,920 *in linea* ta' kumpens għall-ħsara kkaġunata minnu, u dan f'perijodu massimu ta' tlett xhur mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2022, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet premessi u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju vventilat mill-appellant huwa jilmenta illi r-reat addebitat lilu ma ġiex ippruvat skont il-Liġi. Jisħaq li mill-provi prodotti, temerġi diskrepanza dwar meta seħħ l-allegat reat kif ukoll je#istu provi li juru li hu ma kienx l-unika persuna li kien qed jagħmel ix-xogħolijiet fil-perijodu ndikat fiċ-ċitazzjoni.

Dan l-aggravju jikkonċerna l-apprezzament tal-provi kif magħmul mill-Ewwel Qorti, u għalhekk il-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Għal dan il-għan il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar

tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi fl-ewwel lok l-appellant jisħaq li hemm diskrepanza dwar id-dati li fihom seħħ l-allegat reat tant illi l-Prosekuzzjoni talbet li ssir korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u dan fid-dawl tal-inkonsistenzi li irriżultaw mix-xhieda tal-parti offiża. Illi minn eżami tal-atti jemerġi illi l-Ewwel Qorti ordnat li ssir korrezzjoni fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni fl-ewwel seduta u ċioe' fid-data tal-21 ta' Frar 2022 meta hemm hekk iddekretat:

> **"Il-Prosekuzzjoni titlob korrezzjoni fl-akkuza billi d-data tinqara 12 ta' Ottubru 2020 minflok fit-18 ta' Ottubru 2020.**
>
> **Il-Qorti tilqa' it-talba.**
>
> **L-imputat jagħti ruħu notifikat bl-akkuzi kif korretti."**

Isegwi għalhekk illi l-appellant, debitament assistit, mhux biss ma oġġezzjonax għal din it-talba, iżda ta ruħu b'notifikat b'din il-korrezzjoni dak in-nhar stess. Għaldaqstant dak li trid tezamina dina l-Qorti f'dan l-istadju huwa propju jekk mill-provi prodotti, jirriżultax *o meno*, li l-appellant ikkommetta r-reat in kwistjoni u dana fil-perijodu ndikat fiċ-ċitazzjoni, u ċioe' bejn it-12 t'Ottubru 2020 u il-21 ta' Ottubru 2020.

Illi b'mod ewlieni mill-*affidavit* redatt minn PC 768 B. Farrugia jirrizulta illi nhar is-17 ta' Novembru 2021, il-parti offiża Maria Karlsson irrappurtat ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' Ħaż-Żebbuġ illi 'il fuq minn sena qabel, u ċioe' nhar it-18 ta' Ottubru 2020, il-ġar tagħha – Andre Cristina – kien qed jagħti l-konkos fir-residenza tiegħu, liema konkos spiċċa fil-ġnien tagħha bil-konsegwenza li għamel ħsara lill-*canopy* li għandha materjal tal-qlugħ, lill-art ċirkostanti, lill-għamara u lill-irħam li hemm fl-

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

istess ġnien. Il-parte ċivile rrapurtat ukoll li nhar il-21 t'Ottubru 2020, it-tfal tagħha semgħu ħoss qawwi meta waqgħet xi għodda għal ġol-proprjeta' tagħhom, u b'konsegwenza ta' dan tkissru zewġ *pots* ta' l-irħam.

Illi, sussegwentement, meta l-istess parte ċivile xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, hija rriteniet li l-inċident tal-konkos kien seħħ bejn it-12 u s-16 t'Ottubru 2020 filwaqt li l-inċident tal-martell seħħ xi tlett ijiem wara. Għalkemm tikkontendi li ma kenitx ċerta mid-dati, pero' tgħid li fuq ir-ritratti li eżebit hi stess quddiem l-Ewwel Qorti hemm fil-fatt id-data stampata. Meta dina l-Qorti fliet ir-ritratti ppre#entati mix-xhud, u ċioe' Dok. MK 1 sa Dok. MK 13, madanakollu ma rriskontrat ebda data stampata fuq l-istess, b'dan għalhekk li apparti x-xiehda bil-ġurament ta' Karlsson ma teżisti l-ebda prova dwar meta ittieħdu dawn l-istess ritratti. F'dawn ir-ritratti jidher it-tiċpis tal-konkos fil-propjeta' tal-parte ċivile, għodda fl-art u ħsara fil-konteninturi tal-qsari.

Illi, *in oltre*, l-istess parte ċivile tkompli billi tikkonferma li hija qatt ma rat lill-appellant fuq il-bejt in kwistjoni u li ma ratx l-inċidenti jseħħu, fatt li kkonfermah ukoll ir-raġel tagħha Lej Karlsson u it-tifla tagħhom Francesca Karlsson. Il-parte ċivile xehdet ukoll li hija bagħtet diversi messaġġi lill-appellant, liema messaġġi huwa qatt ma rrisponda għalihom.

Illi, minn naħa l-oħra, xehed l-appellant li ppreżenta diversi dokumenti, inkluż *screenshots* ta' messaġġi tal-*Whatsapp* mibgħuta lilu mill-parte ċivile. Madanakollu n-numru li minnu ntbatgħu l-messaġġi qatt ma ġie kkonfermat la mill-parte ċivile u lanqas minn xi rapprezentant ta' xi kumpanija telefonika, għalkemm l-Qorti tinsab konvinta li l-istess intbagħtu mill-parte ċivile, u dana fid-dawl tar-ritratti mibgħuta u tal-kontenut tagħhom – li jirreplikaw l-ilment li l-parte ċivile ressqet quddiem il-Qorti. Li huwa interessanti huwa li l-ewwel sett ta' messaġġi mibgħuta mill-parte ċivile lill-appellant, liema messaġġi kienu jikkonċernaw it-tiċpis tal-konkos (u kienu jikkontjenu l-istess ritratti ezebiti quddiem l-Ewwel Qorti) iġibu id-data tat-22 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija. Illi fir-rigward ta'l-inċident l-ieħor – ta' l-għodda li allegatament waqgħet fil-propjeta' tal-parte ċivile - liema inċident, il-messaġġi jindikaw id-data tas-6 ta' Novembru 2020. Għal dan il-messaġġ aħħari, l-

appellant filfatt wieġeb hekk:– "*Regarding today's accident, Simon is trying to contact you. He intends to sort this matter ...*". Din it-tweġiba kienet għall-messaġġ mibgħut mill-parti leża taħt ritratt tal-għodda in kwistjoni li kien jaqra hekk: "*your workers keep damaging our property. This happened this morning. One of us could have been killed.*" L-awtentiċita' ta' dawn il-messaġġi u allura tad-data meta effettivament ġew skambjati, madanakollu, tibqa' mhux ikkonfermata.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kamp penali trid tirriżulta is-sejbien ta' ħtija fl-appellant fil-vesti personali tiegħu, kif *del resto* ġie iċċitat. L-appellant ma huwiex imħarrek fil-kapaċita' vikarja tiegħu. Dan qed jingħad għaliex huwa inkontestat illi l-att materjali li wassal għall-event dannuż ma kienx kommess mill-appellant personalment, iżda minn persuni minnu inkarigati sabiex jeżegwixxu ix-xogħol ta' kostruzzjoni u ristrutturazzjoni fil-proprjeta' tiegħu, identifikat bħala il-kuntrattur ċertu Simon Zammit. Illi sabiex tista' tinsab htija għar-reat addebitat lill-appellant, u ċioe' dak tal-ħsara involontarja, kif imfassal fl-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, il-Prosekuzzjoni trid tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni kondotta volontarja negligenti da parti tal-appellant, liema kondotta trid tkun dovuta għal nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew minħabba nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti. Inoltre, din il-kondotta trid tkun segwita b'ness ta' kawzalita` bejn l-aġir tal-awtur tar-reat u l-event dannuż involontarju. Illi kif stabbilit fil-ġurisprudenza, in-negligenza fis-sens tad-dritt penali għandha tkun "*such culpable negligence as amounts to criminal misconduct*" (Il-Pulizija v. Col. Stephan J. Borg, 19 ta' Jannar 1963).

Illi fis-sentenza ***Il-Pulizija v. Adrian Fenech et*** deciza fit-13 ta' Settembru 2007 ingħad:

> **"Hu risaput li fl-industrija edilizja dak li jsir ma jiddependix biss mill-volonta' tal-perit u/jew tal-kuntrattur imma ikun hemm id-decizjoni tas-sid li tiddetermina hafna jekk mhux kull ma jaghmlu l-periti u l-kuntratturi."**
>
> **.....**

> **"Illi fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, meta jigu intraprizi xoghlijiet ta' kostruzzjoni u bhala rizultat ta' dawn jissucciedu incidenti li jikkagunaw danni materjali jew addirittura offizi fuq il-persuna, u dan ikun jidher li gara minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew addirittura minhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ir-responsabbilta` kriminali testendi mhux biss ghall-haddiema u kuntratturi li jkunu qed jissorveljaw l-istess xoghlijiet imma addirittura ghandha testendi wkoll ghas-sidien jew zviluppaturi li jkunu ordnaw u kkommettew l-istess xoghlijiet lil dawn il-persuni, dment li ma jirrizultax li dak li jkun sar, ikun sar b'abbuz mill-istess haddiema, kuntratturi jew periti u kontra l-volonta` espressa jew implicita tal-izviluppatur jew sid li jkun ordna l-istess xoghlijiet u ad insaputa tieghu. Jinkombi ukoll fuq l-izviluppatur li jipprevedi u jipprevjeni kull perikolu prevedibbli meta hu jordna xoghlijiet u jekk ma jaghmilx dan, ikun passibbli ghar-responsabbilta` kriminali marbuta ma' kull event dannuz."**

Illi allura l-appellant għandu iwieġeb għal ħsarat ikkaġjonati minn kuntratturi u ħaddiema inkarigati minnu li ma jkunux eżegwew ix-xogħolijiet tagħhom skont is-sengħa u l-arti u ma jkunux flimkien mal-proprjetarju jew is-sid ħadu dawk il-prekawzzjonijiet minnhom mistennija meta imbarkaw fuq ix-xogħolijiet strutturali u ta' kostruzzjoni. L-appellant ma iressaqx l-iċken prova sabiex juri illi huwa ivverifika jekk il-kuntrattur kienx qed jagħmel ix-xogħol tiegħu skont is-sengħa u l-arti u li kienu ttieħdu minnu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiġi evitat ħsara lil ġara. Anżi mill-provi jirriżulta illi l-appellant qajla kien ikun fuq il-post tant illi anke fil-ġranet meta seħħet il-ħsara huwa qatt ma deher 'l hemm sabiex iwieġeb għall-ilmenti li l-parti offiża kienet qed tqajjem. Żgur mhux forsi li l-event dannuż seta' jkun minnu previst b'dan għalhekk illi kellu iressaq provi sal-grad tal-probbabli li jindikaw li ittieħdu l-miżuri minnu jew minn ħaddieħor minnu nkarigat fuq struzzjonijiet tiegħu biex jiġu evitati l-ħsarat.

Issa l-appellant jikkontendi illi mill-provi prodotti jemerġi illi l-ħsara allegatament ikkaġjonata fil-fond proprjeta tal-parti offiża ma seħħitx fil-jiem indikati fiċ-ċitazzjoni. Dan għaliex skont id-dokumenti minnu prodotti jirriżulta illi minn informazzjoni mgħoddija lilu mill-kuntrattur ix-xogħolijiet ta' tqegħid ta' konkos seħħ aktar kmieni mid-data indikata mill-parti offiża u wkoll minn kopja ta' *chats* skambjati fuq is-sit soċjali tal-*what's app* li jipprospettaw id-data tas-06 ta' Novembru 2020 bħala id-data meta seħħ it-tieni inċident dannuż, fil-fehma tiegħu, jidher illi l-

ħsara ikkaġjonata mill-kuntrattur meta dan waqqa' l-għodda tiegħu fil-proprjeta tal-parti offiża seħħet f'dik l-għodwa. Illi l-Qorti tqies illi l-appellant ma jirnexxielux jilħaq il-grad tal-prova minnu mistennija fil-kamp penali. Dan għaliex id-dokumenti li huwa jippreżenta huma biss fotokojpi mhux awtentikati fejn lanqas ma jirriżulta l-oriġini tagħhom, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. L-appellant fl-ewwel lok lanqas ma hu kapaċi jindika l-jum meta ix-xogħolijiet ta' tqegħid ta' konkos fil-proprjeta' tiegħu saru, iżda jistrieħ fuq *screenshot*, x'aktarx minn xi paġna tal-*facebook* fejn il-kuntrattur tiegħu jindika b'mod approssimattiv meta allegatament dawn ix-xogħolijiet saru minnu. Dan il-kuntrattur ma jinġiebx biex jixhed fil-qorti, xhud li fil-fehma tal-Qorti kien determinanti sabiex tiġi ippruvata it-teżi difenzjonali. Mhux biss iżda lanqas fir-rigward tal-kopji ta' messaġġi allegatament skambjati bejn l-appellant u l-parti offiża, dawn għal darb'oħra huma biss kopji mhux ikkonfermati la mill-persuna li bagħtithom, kif lanqas hemm konferma tal-awtentiċita ta'l-istess bin-numri MSISDN minn fejn intbaghtu u dak lil min intbagħtu ma jiġux ikkonfermati la mill-utenti stess u lanqas mill-provdituri tas-servizz. Illi allura l-appellant jieqaf ferm 'il bogħod mill-piż tal-provi minnu mistennija sabiex jissostanzja il-linja difenzjonali tiegħu.

Illi finalment rigward l-aggravju marbut mal-kundanna għal ħlas ta' kumpens ordnat mill-Ewwel Qorti favur il-parti offiża, l-appellant jikkontendi illi l-*quantum* li waslet għalih l-Ewwel Qorti kien imsejjes fuq provi inammissibbli stante li l-istimi li ippreżentat l-parti offiża ma kenux ikkonfermati bil-ġurament mill-persuni li għamlu l-istess, kif lanqas kellha is-setgħa l-Ewwel Qorti tasal għal kundanna fil-konfront tiegħu *arbitrio boni viri*.

Issa l-Ewwel Qorti waslet għal din il-kundanna bis-setgħa lilha mogħtija fl-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara li applikat fil-konfront tal-appellant id-disposizzjonijeit ta'l-Att dwar il-*Probation* minflok għaddiet biex tinfliġġi il-piena maħsuba għar-reat li dwaru l-appellant kien misjub ħati. Illi l-parti rilevanti għal dan il-każ ta'l-artikolu 24 tal-Kap.446 jipprovdi illi:

> **"Meta Qorti tagħmel ordni ta' probation, ordni ta' servizz fil-komunità, ordni ta' probation u servizz, ordni għal liberazzjoni kondizzjonata jew**

> **meta tillibera lil xi ħati għal kollox tista', ..... tordna lill-ħati jħallas ... kumpens għal xi telfien hekk kif il-qorti jkun jidhrilha li jkun l-aktar raġonevoli,"**

Dan ifisser illi kien fis-setgħa tal-Ewwel Qorti li tasal sabiex tistabbilixxi dak il-kumpens illi mill-provi imressqa quddiemha dehrilha li kien l-aktar raġjoneveoli, tant illi naqqset milli tillikwida dan il-kumpens fl-ammont kollu mitlub mill-parti offiża billi dehrilha li dan kien wieħed esaġerat. Illi *del resto* l-appellant lanqas ma jindika għaliex fil-fehma tiegħu din id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti kienet żbaljata jew li l-ammont likwidat kien irraġjonevoli. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**